MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 1296/2005

**The Golden Shepherd Group Limited (C14948)**

**Vs**

**Peter Degabriele, Marianna Degabriele u Diane Degabriele**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Gunju 2005, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' erba` mija u sitta u disghin Liri Maltin u hmistax il-centezmu (Lm496.15), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghax legali u bl-ispejjes.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi ippruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqqsu u ma dehrux la fis-seduta tal-11 ta’ Novembru 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta’ erba` mija u sitta u disghin Liri Maltin u hmistax il-centezmu (Lm496.15) bl-imghax u bl-ispejjes kif mitluba fl-avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------